**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Simon Galea**
**V**

**JOHN AXIAQ**

**Illum 25 t'Ottubru 2001,**

**Il-Qorti,**

Rat lil imputat **JOHN AXIAQ** ta' hamsin sena, mwieled B'Bugia fis-sebgha ta' Gunju 1951, bin Nazzareno u Concetta nee` Gauci u residenti 'Redentur'. Triq il-Port Hieles, B'Bugia detentur tal-karta tal-identita` numru 471951(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-hamsa t'Ottubru 1998 u fix-xhur ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bhala detentur tal-fond 'Moondaisy', fi Triq ix-Xambekk, Bahar ic-Caghaq l/o Naxxar jew bhala persuna illi kellu

f'idejh l-imsemmi fond b'mezzi qarrieqa kkommetta serq ta' kurrent elettriku minn arlogg tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond liema serq jammonta ghal mija sittax il-lira u tlettax il-centezmu (Lm116.13) ghad-dannu tac-Chairman tal-Enemalta Corporation liema serq hu aggravat bil-hin, bil-valur u bil-mezz.

Talli fl-istess zmien ghamel hsara volontarja fil-makkinarju jew gumni tal-elettriku jew ikkagguna telf ta' kurrent elettriku.

Talli fl-istess zmien, ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u dan illi l-hati jhallas l-ispejjez tal-esperti mahturin mill-Qorti skond il-Kodici Kriminali.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja t'Ottubru 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` li l-imputat illum il-gurnata ghamel tajjeb ghal hsarat sofferti mill-Enemalta Corporation fis-somma ta’ mija sittax il-lira u tlettax il-centezmu (Lm116.13) u llum is-socjeta Enemalta m’ghadx ghandha pendenzi dovuti fil-konfront tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkunsidra ghalhekk illi fic-cirkostanzi il-piena idonea hija dik ta’ probation.

**Ghaldaqstant tiddeciedi billi tillibera lil imputat JOHN AXIAQ bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ sentejn mill-llum taht l-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Oltre dan, dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikundanna lil imputat JOHN AXIAQ jhallas l-ispejjez dovuti mal-hatra tal-esperti, il-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Trevor Farrugia deciza fis-sittax ta’ Jannar 1998 fejn gie deciz illi spejjez involuti**

**fl-inkjesti ma jigux adebitati lil imputat waqt kumpilazzjoni.**

**Ghaldaqstant din it-talba qieghda tigi michuda mill-Qorti.**

**Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**